# L-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta

## MIN AĦNA

L-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta ssostni l-iżvilupp nazzjonali billi tiġbor it-taxxi kollha b'mod ġust permezz ta' konformità volontarja, filwaqt li tiżgura li l-kontrolli doganali jiġu applikati b'mod effettiv biex jipproteġu liċ-ċittadini, l-ekonomija u l-ambjent ta' Malta.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Il-livell ta' servizz li għandek tistenna meta tikkuntattja jew iżżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe informazzjoni li tiġi skambjata.
- L-istandards tas-servizz tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standards għas-*Standards for Service of Excellence Offered by the Public Administration to the Public and Public Employees.*
- Il-lista ta' servizzi offruti tinsab fil-link li ġejja *https://mtca.gov.mt/*.

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Ipprovdi informazzjoni li hija speċifika, sempliċi, u ħielsa minn lingwaġġ speċjalizzat jew termini tekniċi. L-informazzjoni kollha se tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna biex inwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum wieħed tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefown

Aħna nimpenjaw ruħna biex inwieġbu t-telefown malajr kemm jista' jkun, b'mod ċar u infurmat. Il-persunal se jidentifikaw lilhom infushom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċiji tagħna

L-Uffiċċji tagħna huma sikuri, nodfa u jippermettu l-aċċess għas-servizzi għal persuni b'diżabbiltà. Il-ħin ta' stennija jkun ta' madwar 15 - 30 minuta f'ċirkostanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew ittra elettronika

Aħna nibagħtu konferma fi żmien jum wieħed tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

It-tweġibiet għat-talbiet għall-appuntamenti jingħataw fi żmien jum wieħed tax-xogħol, bid-data tal-appuntament li tiġi stabbilita fi żmien 3 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, l-appuntamenti jistgħu jiddependu fuq il-listi ta' stennija tad-dipartimenti u talbiet urġenti jistgħu jieħdu prijorità.

## RESPONSABILITAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw lill-persunal b'korteżija u rispett. Iżommu mal-perjodi ta' żmien u mal-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NAPPREZZAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tagħtina xi feedback, suġġerimenti jew ilmenti, inti ġentilment mitlub li:

- Tikkuntattjana skont id-dettalji t'hawn: *https://mtca.gov.mt/1/top-level-menu-bar/contact-us/contact-form*
- Permezz ta' Servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq Ressaq ilment

Il-kunfidenzjalità tiegħek se tkun garantita. Stenna l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- *Taxpayer Services*, Block 4 Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana, FRN 1900, Malta
  Ikkuntattjana: *https://mtca.gov.mt/1/top-level-menu-bar/contact-us/taxpayer-service*
- *Legal, Technical & International Affairs*, AM Business Centre, Triq il-Labour, Żejtun, ZTN 2401
  Ikkuntattjana: *https://mtca.gov.mt/1/top-level-menu-bar/contact-us/international---corporate-tax-unit*
- *Property & Share Transfers*, 63 Triq Zekka, il-Belt Valletta
  Ikkuntattjana: *https://mtca.gov.mt/1/top-level-menu-bar/contact-us/property---sales-transfer-office*
- *Gozo Office*, Tiġrija Palazz, Level 1, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex
  Ikkuntattjana: *https://mtca.gov.mt/1/top-level-menu-bar/contact-us/gozo-office*
- *Customs Head Office*, Custom House, Lascaris Wharf, il-Belt Valletta, VLT 1920
  Ikkuntattjana: *https://mtca.gov.mt/1/top-level-menu-bar/contact-us/customs-headoffice*
- Permezz tal-Midja Soċjali: